MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 972/2002

**Charles Grech.**

**-vs-**

**Domestica Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 ta' Mejju 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fis-6 ta' Mejju 1985 inqatghet sentenza kontra l-attur citazzjoni numru 132/85 fl-ismijiet Domestica Ltd vs Carmelo

Grech fejn huwa gie dikjarat debitur lejn l-istess socjeta' illum konvenuta ghas-somma ta' seba' mija u tlettax-il lira maltin u sitt centezmi (Lm713.06) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Illi huwa qatt ma gie notifikat bl-atti tal-istess kawza, tant li s-Socjeta' bil-permess tal-Qorti adottat il-procedura tan-notifika permezz tal-gazzetta tal-Gvern u permezz tal-gurnali lokali.

Illi madankollu l-informazzjoni ppubblikata fl-istess gazzetti ma kenitx tajba dan ghaliex ma saritx riferenza cara u identifikabbli ghall-esponent Charles Grech li joqghod Flat 14, Blk C Qasam tal-Bini tal-Gvern, Birzebbuga imma minflok ghal-Charles Grech li joqghod 42, Zebra Street, Birzebbuga.

Illi l-esponent kien ilu nieqes minn dan l-indirizz ghal aktar minn sentejn u kien mar joqghod gewwa indirizz iehor u fil-publikazzjonijiet imsemmija fuq ma nghatawx aktar dettaliji tieghu bhal per ezempju l-identity card number.

Illi ghalhekk l-esponent qatt ma seta' jsir jaf bl-ezistenza tal-proceduri tac-citazzjoni kkwotata u llum attakkata.

Illi wara li s-socjeta' llum konvenuta kienet kanonizzata kreditrici ta' l-attur baqghet ma ezegwietx is-sentenza imsemmija anke wara li ghaddew hames snin fit-30 ta' Marzu 1999 is-Socjeta' Domestica Ltd ipprezentat rikors numru 756/99 RCP fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn talbet li tigi awtorizzata tezegwixxi s-sentenza tal-1985.

Illi ghal darba ohra rega' sar tentattiv ta' notifika fl-indirizz zbaljat u wkoll kellha tigi uzata l-procedura tal-pubblikazzjoni u fil-gazzetti tal-gvern u gazzetti lokali.

Illi ghal darba ohra rega' sar tentattiv ta' notifika fl-indirizz zbaljat u wkoll kellha tigi uzata l-procedura tal-pubblikazzjoni u fil-gazzetti tal-gvern u gazzetti lokali.

Illi ghal darba ohra l-informazzjoni ma kenitx korretta u per di piu’ kienet tittratta dwar kawza illum attakkata u li ma kenitx saret notifika korretta taghha u ghalhekk l-attur baqa’ ma setax isir jaf anqas bil-proceduri l-godda.

Illi fl-20 ta’ Mejju 2002 saret talba ghal-mandat ta’ Qbid sabiex tigi ezegwita l-istess sentenza fl-indirizz it-tajjeb igifieri Flat 14, Blk C Qasam tal-Bini tal-Gvern, Birzebbuga liema mandat gie esegwit fit-30 ta’ Mejju 2002.

Illi ghalhekk ftit granet wara meta dahal mis-sajd tat-tul l-esponent allura sar jaf li kienu jezistu xi proceduri kontrih u malli ivverifika permezz ta’ l-avukat tieghu skopra bl-ezistenza ta’ l-izball li sar fil-proceduri ta’ l-istess sentenz u rikors illum akkati.

Illi ghalhekk huwa ma kellux l-opportunita’ li jiddefendi ruhu rikors imsemmi lilu u inoltre huwa qatt ma attenda ghas-smigh ta’ l-istess kawza u rikors b’konsegwenza li kien meqjus kontumaci u kemm il-kawza kif ukoll ir-rikors inqatghu kontrih bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontrih.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex tigi ritrattata ic-citazzjoni fuq imsemmija a bazi ta’ l-artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta’ Marzu 2001 fl-ismijiet Domestica Ltd vs Carmelo Grech, citazzjoni numru 132/85 a tenur ta’ l-artikolu 811(b) tal-Kodici tal-Procedura ta’ Organizzazzjoni Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tirrevoka u thassar is-sentenza jew provvediment bl-effetti kollha tieghu moghti nhar l-4 ta' April 2000 fir-rikors numru 756/99 RCP.

3. Tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza fuq citata kollox kif intqal fuq u ghal ragunijiet fuq premessi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fit-3 ta' Jannar 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u s-sentenzi kontra l-attur odjern ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversement preseduta ghandhom juigu konfermati bl-ispejjez kontra l-attur, u dan stante illi n-notifika tal-konvenut fil-kawzi li taw lok ghal tali sentenzi kienu regolari u kif ordnati minn din l-Onorabbli Qorti.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Leo Vassallo Cesareo I.D 231341(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

L-attur qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza imsemmija a bazi tal-artiklu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li s-smigh mill-gdid tal-kawza jista' jintalab *jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti t-telliefa, bastali din il-parti, ghad li ma tkunx giet notifikata, ma tkunx dehret ghas-smigh tal-kawza*.

L-attur kien sokkombenti ghal kawza precedenti ghal dik li qed

jintalab is-smigh mill-gdid taghha u cioe' kawza li giet deciza fl-1985. Eventwalment, il-konvenuti, billi baqghu

ma esegwewx is-sentenza entro' l-hames snin, kellhom jitolbu l-awtorizzazjoni li jesegwixxu s-sentenza. Huma ghamlu dan bir-rikors li gie deciz fit-22 ta' Marzu 2001. F' dawk il-proceduri l-attur gie notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni ai termini tal-Artiklu 187 (3) wara li ma kienx gie notifikat bil-procedura normali. Infatti l-attur fid-dikjarazzjoni tieghu qal li kien ilu ma joqghod fil-fond li kien indikat ghal iktar minn sentejn.

Jidher ghalhekk pacifiku li l-attur ma kienx joqghod fl-indirizz illi fih intbaghtet ic-citazzjoni. Il-konvenuti (rikorrenti f'dik il-kawza) bhal ma spiss jigri irrikorrew ghal procedura indikata mill-artiklu 187 (3) fuq imsemmi.

Il-konvenuti ghandhom ragun jghidu fid-dikjarazzjoni taghhom li jekk dak li qed jallega l-attur hu legalment fondat, il-procedura tal-pubblikazzjoni tkun minghajr skop izda dan ma jiggustifkax il-fatt illi fil-waqt li matul il-kawza ma ghamlu ebda tentattiv serju biex isiru jafu fejn joqghod l-attur, meta gew biex jesegwixxu s-sentenza ma jidhirx li sabu tali diffikolta' ghaliex imbaghad il-mandat ta' qbid gie esegwit fl-indirizz korrett.

Il-Qorti thoss li fil-waqt li l-procedura tan-notifika bil-pubblikazzjoni ghandha l-importanza taghha, min jistitwixxi proceduri legali ghandu jaghmel tentattiv serju biex isir jaf fejn joqghod l-imharrek u ma jirrikorrix ghall-procedura imsemmija jekk mhux meta assolutament mehtiega. L-imharrek ghandu dritt jigi notifikat biex jiddefendi ruhu u l-procedura tan-notifika skond l-artiklu 187 (3) ma ghandhiex tigi abbuzata, anke jekk ma jidhirx li dan sar f'din il-kawza. Li hu zgur pero' li l-konvenuti ma' l-ewwel intopp fil-kawza qatghu qalbhom izda meta kien assolutament necessarju li jkunu jafu l-indirizz korrett, dan b'xi mod saru jafuh.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar it-terminu tat-tlett xhur li fih ghandha tigi presentata kawza simili ghaliex il-

mandat gie esegwit fit-30 ta’ Mejju 2002 u l-kawza giet intavolata fid-29 ta’ Awwissu 2002 u ghalhekk ezatt entro’ dan il-perjodu.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut ritrattat u tilqa’ t-talbiet tal-attur, u dan billi thassar is-sentenza msemmija u tordna li l-kawza tinstema’ mill-gdid.**

**L-ispejjes ta’ din l-istanza huma bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------